*Knejjes l-Għasri nru X*

# Il-Vitorja ta' Manueli, Wied il-Għasri

© Victor J. Galea

## A – Il-Familja de Manueli

### 01 • Mollica jew Manueli?

Il-Prof. G. Wettinger f'lista li ħareġ tal-kunjomijiet Maltin fl-1419 u l-1480, jagħti ħamest irġiel tad-dejma kunjomhom Mollica jew Mullica, bl-Isqalli, imxerrda Ħaż-Żabbar, il-Gudja, Ħat-Tarxien u l-Imdina. Imma fl-1480, ma' ta lil ħadd b'dan il-kunjom Malta fost in-nies tal-ingara, jiġifieri dawk li kellhom jaħdmu b'xejn fuq is-swar jew il-foss tal-Imdina. Hekk ukoll il-kunjom de Manuel ma ssibux b'nemes f'din il-lista.

Issa skont tiftix li għamel il-Prof. Fiorini, fl-1687, il-kunjom Mollica kien għadu jferfer biss il-Belt, fejn kien fadal waħda bil-għadd. Imma, imbagħad nies kunjomhom Manueli, miktub ukoll Manuel, Manuele u Emanueli, kien hemm raxxa sew il-Belt, Bormla u l-Isla, kif ukoll Ħal Luqa u Ħal Qormi. Billi l-Għawdxin l-ewwel li kienu jixħtu l-ankri l-Kottonera meta kienu jmorru joqogħdu Malta xejn m'hi ħaġa kbira li dawn kienu ġew minn Għawdex.

L-istess professur jgħidilna li Mollica kien tfaċċa Malta f'kitba tan-nutar Lanza Gatt fl-1365. Mollika hu isem ieħor għall-belt ta' Modika, fil-qarnuna t'isfel ta' Sqallija fuq ix-xmara, bejn il-bliet ta' Xikli u Raguża.

Dan qed ngħidu għax fil-lista ta' ġurati għal Għawdex, li ħareġ ukoll il-Prof. Fiorini, fl-1432-33 niltaqgħu ma' Pietru de Manueli. Imbagħad fl-1453-54, niltaqgħu ma' Anton de Manueli jew Mollica, bil-maqlub tal-ieħor. Hekk ukoll fl-1553 insibu lill-ġurat Guliermu jew Gulejlu de Manueli jew Mollica, meta għamel it-testment. Mela l-kunjom de Manueli u Mollica kienu jingħadu għall-istess nies, forsi Mollica għal belt imnejn ġew. Li Mollica u de Manueli kienu l-istess jitwettaq ukoll mill-isem Ponzju Mollica li kien Malta fl-1365. Dan l-isem tassew rari nerġgħu niltaqgħu miegħu Għawdex fl-1515, il-kbir fost it-tliet ulied subjien ta' Pawla Manueli, l-armla ta' Pawlu, il-fundatur tal-Vitorja ta' Xaqq Tarġa, għax l-ismijiet kienu jiġru f'dil-familja kif se nsemmi hawn taħt.

Billi Gulejlu de Manueli tfaċċa Għawdex fl-1553, sentejn biss wara l-kinsa li kienu għamlu t-Torok fl-1551, flimkien ma' Mattija de Manueli, li kien xhud fit-testment ta' Gulejlu, kif ukoll li l-ewwel magħmudija li saret fil-Matriċi, meta l-kappillan fetaħ ir-reġistru fl-1554, niltaqgħu ma' Ġanna bint Niklaw de Manueli, titlob iktar tgħarbil x'kien seta' ġralhom ta' de Manueli fl-istraġi tal-1551.

Filwaqt li nafu fiż-żgur li mart Ġanni de Manueli ma' wliedha bniet kienu lsiera Stanbul, dawk li jissemmew Għawdex ftit wara l-istraġi, jista' jfisser li dawn kienu, jew iddendlu mis-swar ta' wara u ħarbu lejn l-Għasri li kienu jafuh sew, jew kienu l-Birgu jew l-Imdina meta t-Torok ġew jixirfulna, jew kienu saħansitra Sqallija, billi f'dak iż-żmien

imwiegħer ħafna kienu sabu kenn hemm, aktarx għand nieshom. Jekk kienu ħaduhom mal-qatta Stanbul setgħu nfdew billi qabbżu kemxa flus ġmielha għar-riskatt wara li kienu biegħu ħwejjiġhom. Biss billi Gulejlu wara li għamel it-testment ma damx wisq ma wella, sata' dejjem kien wieħed mill-erbgħin xiħ kagħba li l-Bâxa Sinam kien ħalla hawn biex jgħaddina ħarira nej u misjur.

## 02 • Il-familja de Manueli f'Għawdex

Fost l-axxendenti ta' din il-familja li jsemmi Ġann Franġisk Abela fl-1647, niltaqgħu ma' ismijiet bħal Mattew, Anton jew Antonellu, Guliermu u Bartilmew, ismijiet li niltaqgħu magħhom ukoll Għawdex fost il-membri ta' din il-familja. Ngħidu aħna Manwel de Manuele nsibuh għadu jieħu ħsieb il-knisja tal-Vitorja ta' Manueli fl-1592 meta kien xiħ għakka u stqarr li ma kienx għadu jista' jkompli jagħmel hekk. Lil Guliermu diġa' ltqajna miegħu meta ssemmiet il-knisja tal-Vitorja tal-Ħġieri, kif ukoll f'din il-kitba. Fl-1528 iltqajna ma' Antonellu bin Mattew li reġa' bena l-knisja tal-Ħġieri.

San Bartilmew jidher li kien il-patrun tal-familja. Insibu li nhar it-tmienja t'Ottubru tal-1497 Pawlu de Manuele kien waqqaf l-armaġġ fuq ir-raba' Ta' Kappara fl-inħawi ta' Kappara wkoll. Dan l-armaġġ, skont ir-rettur Pietru Franġisku Pontremoli fl-1592, kien raba' sined, għax kellu ħafna ħbula niżlin wieħed taħt l-ieħor Ta' Ċurdan, fuq ir-riħ ta' Wied il-Mielaħ. Minnu kien qed idaħħal erbat ewwieq, li jġibu 83ċ3, fis-sena. L-ewwel rettur kellu jkun Dun Lanza Hapap tul ħajtu. Wara kellu jingħażel xi ħadd minn demm it-testatur. Ir-rettur kellu jqaddes darba kull ħmistax fil-kappella ta' San Bartilmew taz-Zuntier tar-Rabat t'Għawdex.

Ismijiet oħra għal dawn niltaqgħu magħhom fost il-ġurati li kellha dil-familja Għawdex u Malta.

## 03 •Il-ġurati tal-familja Manueli

Wara l-1393, il-gvern t'Għawdex kien komun bl-arma tiegħu ta' tliet għoljiet baxxi qishom ħobżiet li kienu tnejn fuq quddiem u waħda wrajhom fin-nofs, suwed dlam. Urajhom kellhom kamp, jiġifieri sfond, tal-fidda. Din kienet u suppost għadha l-arma t'Għawdex u mhux il-ħafna ġennati li għad għandna sal-ġurnata ta' llum.

Sal-1551 il-kap ta' dan il-komun kien ikun il-ħakem. Miegħu jgħinuh kien ikollu erba' ġurati. Il-ħakem u l-ġurati kienu jaħtruhom is-Sultan ta' Sqallija jew il-Viċire tiegħu u kienu jkunu fis-setgħa mill-ewwel ta' Settembru sal-aħħar ta' Awwissu tas-sena ta' wara. Din kienu jgħidulha s-sena indizzjonali.

Ġann Franġisk Abela li fil-ktieb tiegħu li ħareġ fl-1646 ta lista tal-ġurati ta' Malta sal-1530, isemmi lil Mattew di Manueli fis-snin 1457, 1462, 1476 u l-1480. Imbagħad sal-1530 skiet.

Il-Prof. Stanley Fiorini, minn kitbiet li hemm Paliermu bejn l-1400 sal-1459, isemmi li Pawlu de Manueli kien ġurat fis-snin 1402-03, 1404-05 u l-1407-08, filwaqt li Pietru Mullica jew de Manueli ġurat fis-snin 1432-33 u l-1444-45. Imbagħad lil Anton de Manueli għas-sena 1453-54.

Imbagħad Dun Franġisk Agius li fl-Istorja tiegħu jagħti lista tal-ġurati li kellu Għawdex mill-1530 sa żmienu fejn insibu li Guliermu Manueli kien ġurat fl-1546. Dan fl-1550 isemmih bħala Gulejlu de Manuel. Gulejlu hu diminuttiv ta' Gullu, taqsira ta' Guliermu. Lil Gulejlu Manueli nsibuh ġurat ukoll fl-1552. Dan ifisser li b'xi mod kien ħelisha mill-jasar tat-Torok.

Barra minn dawn, lejlet l-istraġi tal-1551, jissemma wkoll bħala ġurat Ġanni Manueli li jien naħseb li kien ħu Gulejlu, ulied Pawlu Manueli. La fl-1568 martu u wliedu kienu għadhom ilsiera Stanbul jista' jfisser li lil Ġanni, it-Torok kienu rabtuh mal-bank tax-xini jaqdef għal sidru ma' eluf ta' rġiel oħra Għawdxin u li sal-1568 kien infena u miet. Il-familja ta' Ġanni kienet ħalliet ġidha Għawdex f'idejn qaribthom Malgarita Cassar, li nsibuha ssaltan fuq il-ġnien tal-Pergla. Min jaf din l-imħakka kif kienet dabbritha l-art tal-Pergla?

## 04 • Iċ-ċensiment tal-1667

F'dan iċ-ċensiment li fih insibu mniżżla l-ismijiet tan-nies t'Għawdex familja familja hemm mhux iktar minn 4179 ruħ, bil-kunjom Manueli ma sibtx ħlief familja waħda taħt l-Għasri u ż-Żebbuġ. Dort apposta l-Għarb billi seta' kien hemm xi ħadd Wara t'Għammar għalxejn. Hekk ukoll ir-Rabat kif iddur bil-Belt, il-Bellieġħa u l-bqija kemm fil-parroċċa tal-Matriċi u kemm San Ġorġ ma sibt xejn. B'kollox dawn kienu jarmu mhux inqas minn 1826 ruħ.

Għalhekk se nniżżel min kienet il-familja ta' Ġann Pawl di Manueli ta' ħamsin sena u martu Marija ta' ħamsa u tletin. Dawn kellhom lil Natalina ta' seba' snin, Ġann Dumink ta' erbgħa u Ġamri ta' sentejn. Sata' kellhom oħrajn għax għalkemm ir-raġel kien kiser in-nofs qantar, il-mara kienet għadha mhux ħażin. Ġann Dumink kien massar, jiġifieri kien jaħrat ir-raba' bil-gniedes u kien iħallas il-fermizzi bit-tgħam u l-qoton lill-arċipriet tal-Matriċi ta' Santa Marija.

Biż-żmien Ġamri żżewweġ l-Għasri lil Ġulja Mercieca u kellhom, fost l-oħrajn, lil Dun Franġisk Manueli (1704-1787), il-benefattur tal-knisja tal-Patroċinju. Dan kien joqgħod f'dar li għadha wieqfa fit-Triq tal-Fanal fuq ir-riħ tal-Wied ta' Feliċi kien nislu. Hekk ukoll għalkemm dal-kunjom minn Għawdex illum inqered demm din il-familja għadek issibu jiġri fostna l-Għawdxin, kieku kellu wieħed jerfa' l-arblu ta' razztu, per eżempju, in-nanna tat-tliet Monsinjuri Gauci *tad-Dublun* hija żgur imnissla minnhom.

## B – Il-Knisja tal-Vitorja ta' Manueli, Wied il-Għasri

## 01 • Il-knisja

Jgħidu li sewwasew il-knisja tal-Vitorja ta' Manueli kienet fil-Wied tal-Gallina, nieżel min-naħa tal-muntanja ta' Ġurdan, 'l isfel fejn dan jilwi mal-lemin biex jiltaqa' ma' Wied il-Għasri ***(ara ritratt fil-paġna li jmiss: il-vleġġa tindika fejn hu maħsub li kienet il-knisja)***. Għalhekk il-knisja kont tista' tilħaqha jew mit-Triq tal-Gallina jew mit-Triq ta' Wied il-Għasri li xħin tiltaqa' mat-Triq taċ-Ċaqra nieżla miż-Żebbuġ tilwi fuq ix-xellug għall-wied ftit 'il fuq mill-Ħofra tat-Torok mhux bgħid wisq qabel ma l-wied jaqbad il-ħondoq għall-baħar u minn hemm għall-Wied tal-Gallina.

Il-knisja kellha triq quddiemha li kienet tifridha mir-raba' tal-familja Manueli, li erbat itmien minnu kienu ħallewhomlha biex mill-qbiela ssirilha l-festa. Il-bieb li kellha, bħalma wieħed jistenna minn knisja li kienet fuq in-naħa tax-xellug tat-triq tal-Gallina hi u nieżla għal Wied il-Għasri, kien iħares lejn in-nofsinhar u għalhekk kien jiekol xemx tgħidx kemm.

Ma nistagħġbux mela li fl-1615 kien jidher li qdiem sewwa u fuq kollox ma kienx jinqafel. Biex żgur jinbidel dan il-bieb il-viżitatur kien qabad il-qbiela li kien jiġborha Ġulju de Manuel. Billi sal-1621 dal-imbierek ta' bieb kien għadu ma nbidilx, lill-purkratur, il-viżitatur tah żmien erba' xhur biex iġeddu, imma f'wiċċu baqa' għax sal-1634 kien għadu kif kien u wara, sal-1657 meta l-knisja ngħalqet ma kienx issemma aktar.



Toni Calleja (Diċembru 1984)

Fil-ħajt tal-faċċata, sewsew fuq il-bieb kellha rewwieħa li kienet tarmi merżuq dawl fuq l-artal. Fl-1621 lill-viżitatur din in-naqra ta' twejqa tagħtu f'għajnu u qalilhom biex jaqbdu u jagħalquha biex ma tidħolx xita minnha u fuq kollox biex l-għammelin ma jidħlux ibejtu hemm.

Meta l-knisja tissemma l-ewwel darba fir-rapport ta' Duzzina fl-1575, il-knisja kienet sħiħa u ma kienet nieqsa minn xejn, ħaġa rari għall-knejjes tal-kampanja dak iż-żmien. Dan juri li ma kenitx ilha snin twal li nbniet. Fuq kollox min kien bnieha, Franġisk Manueli, kien għadu ħaj u mimli bil-għomor, għax jissemma bħala l-patrun tal-knisja li kien qiegħed jagħmlilha l-festa. Kien dan Franġisk Manueli li ħallielha l-erbat itmien raba' ta' quddiemha biex mhux biss issirilha l-festa nhar it-twelid tal-Madonna, imma biex jagħmlulha dak li kien ikollha bżonn.

L-ewwel sinjal ta' telqa kien deher fl-1615 meta kellha l-bieb miksur li kellu jibqa' kif kien sa meta l-knisja ngħalqet. Imbagħad fl-1634 jingħad li l-knisja kienet waslet biex taqa'. Imma sa għoxrin sena wara xi ħadd kien taha dawra għax intqal li kienet xierqa. Biss fl-1657, bl-iskuża li ma kenitx qiegħda tinżamm tajjeb ingħalqet ma' xi erbgħin oħra m'Għawdex kollu.

### 02 • L-artal u l-kona

Bħall-artali li kien hawn fil-knejjes tal-kampanja ta' dak iż-żmien, l-artal tal-Vitorja ta' Manueli kien tal-ġebel, imlibbes b'żewġ tvalji u ventartal tat-tila pinġuta. Sal-1630, it-tvalji kienu għattewhom b'terħa. L-artal kellu żewġ gandlieri tal-injam biex jixegħluhom matul il-quddiesa. Wara l-artal kien hemm il-kona, xbiha mpittra fuq it-twavel. Barra l-Madonna kien hemm San Franġisk u Sant'Antnin ta' Padwa. Kienet id-drawwa dari li mal-Madonna jew qaddis li jkun, kienu jdaħħlu lil min kien ħallas għall-inkwatru flimkien ma' martu, jew il-qaddisin protetturi tagħhom it-tnejn. Għalhekk jien naħseb li San Franġisk hu l-patrun tal-fundatur Franġisk Manueli u Sant'Antnin ta' martu.

Sal-1635, dil-kona kellha bżonn tinbidel, għax jew kienet kilitha s-susa jew therriet bl-umdità. Sal-1644 dil-kona kienet tneħħiet u xejn ma tqiegħed flokha. Imma sa għaxar snin wara, kienet saret oħra xierqa flokha, did-darba fuq it-tila. Meta fl-1657, l-isqof Balaguer kien għalaq il-knisja, dan l-inkwatru l-ġdid kellhom jeħduh San Pawl il-Baħar *(S. Paolo della Marina)* ta' Marsalforn bl-artal b'kollox. Biss xejn minn dan ma kien sar għax ir-rettur tal-knejjes tal-kampanja baqa' jmur jagħmel quddiesa letta fil-knisja nhar il-Vitorja sal-1678. Dan ir-rettur fl-1675 kien laħaq kanonku tal-kolleġġjata ta' Santa Marija bil-prebenda miġbura mill-qbejjel tal-knejjes tal-kampanja, ħamsa u għoxrin b'kollox, fosthom il-Vitorja ta' Manueli. Fl-1678 qala' l-permess biex jiġbor l-inkwatri kollha ta' dawn il-knejjes Savina u jagħmlilhom il-festa hemm. Il-kanonku tal-knejjes tal-kampanja dam sejjer hekk sal-1733 meta l-isqof qallu biex l-inkwatri li kien fadal jaqbad u jaħraqhom kollha u flokhom jagħmel inkwatru wieħed tal-Madonna u l-qaddisin tagħhom. Dan kellu jqiegħdu fil-kappella tas-Salvatur tal-kolleġġjata ta' Santa Marija t'Għawdex u jagħmlilhom il-festa hemm.

### 03 • Ir-raba' li kellha l-knisja

Ir-raba' kien ħallihulha Franġisk Manueli li bnieha. Dan kien imqassam fi tlett iħbula li kien fihom erbat itmien għalkemm fir-rapport ta' Duzzina nizzlu tlett itmien biss. Dawn kienu quddiem il-knisja għalkemm bejniethom kienet għaddejja t-triq. Madwar dan ir-raba' kien kollu tal-familja Manueli.

Mattew d'Emanuel, li sal-1592 kien għadu jieħu ħsieb il-knisja, qal li dan ir-raba' kienu jgħidulu tal-Knisja u kien taħt il-muntanja ta' Ġurdan. Ir-raba' li kellha fuq ir-riħ tal-lvant kienu jsibuh il-Ġnien ta' Manueli. Dan minn għand Franġisk Manueli kienet wirtitu bintu Ketrina. Ir-raba' li kien hemm in-naħa tar-rjieħ tal-punent u tan-nofsinhar minn għand Pietru d'Emanuel, sal-1621 kien għadda għall-werrieta tiegħu, u mbagħad, sal-1644 dar-raba' kien waqa' f'idejn il-knisja ta' Santa Marija taż-Żebbuġ.

Wara l-1592, billi Mattew d'Emanuel ma kienx għadu jiflaħ jieħu ħsieb, kien daħal purkratur Patist Inguanes, żewġ Ketrina, bint Franġisk Manueli. Sal-1615, Ketrina kienet romlot, imma kien għadha tħallas skutejn, sest ta' lira, fis-sena lill-knisja.

Fl-1621, billi r-raba' kien ilha tagħmel minnu Ketrina Inguanes xi disa' snin, il-viżitatur talabha rendikont żmien jumejn. Lill-purkratur tah żmien erba' xhur mhux biss biex jagħmel bieb ġdid, imma kellu jagħlaq ir-rewwieħa, ilibbes l-artal bi tvalja bajda, jagħmillu salib fuqu, kif ukoll jagħtiha dawra.

Sal-1630, il-purkratur kien Nerik Zarb u r-raba' kien għand Majsi Finara. Ketrina milli jidher kienet reġgħet għarrqitha għax kunjomha kien Burlò. Il-qbiela kienet għadha skutejn. Billi xejn ma kien sar minn dak li kellu jsir, fl-1621, il-viżitatur kellu jissekwestra l-qbiela sa ma l-purkratur, Ġulju d'Emanuel, jottempora ruħu.

Għaddew erba' snin u mhux talli kollox baqa' kif kien fl-1621, imma Stejfen Formosa, li kellu r-raba' tal-knisja f'idejh, kellu jagħti erba' skuti, terz ta' lira, qbiela ta' sentejn. Il-knisja saret malamira, se taqa' u ma taqax, u nieqsa minn kollox bit-telqa li kienet fiha.

Wara li l-knisja ngħalqet, il-qbiela baqa' jdaħħalha il-purkratur tal-knejjes tal-kampanja. Sal-1663, il-qbiela kienet għaddiet għand Pawlu Camilleri, li kien qed iħallas ħames skuti (41ċ7 jew €0.96) lil dan il-purkratur.

**04 • Iż-żerda**

Mill-qbiela li kienet iddaħħal il-knisja wara l-quddiesa tal-festa tal-Vitorja kellha ssir iż-żerda billi kien jitqassam il-ħobż li kien joħroġ minn tomnejn qamħ mitħun. Minn tomna qamħ mitħun kont toħroġ tnax-il ħobża kbar daqs għarbiel. Billi il-ħobż li kien jinħabeż dak iż-żmien jidher li kien iżgħar minn dak li kienet tagħmel ommi għal ġimgħa sħiħa aktarx li minn tomna kien joħroġ aktar ħobż. Nisthajjel li nhar il-Vitorja kien jitlaq ħmar mixdud il-pannell b'żewġt iqfief tal-għalf ħobż imdendla waħda kull naħa u jerħilha lejn Wied il-Għasri 'l isfel jew mill-Għasri jew miż-Żebbuġ mis-Sagħtrija jew minn taċ-Ċaqra, ċeklem ċeklem. Il-pannell kien bħal mitraħ dejjaq mimli qasbija li minn fuq dahar il-bhima kien jiddendel għal ġenbejha. Iż-Żebbuġ kien hemm nies jinqalgħu għal dan ix-xogħol. K'ikolli ngħid din is-sengħa kienet daħħlitha ż-Żebbuġ il-familja Carnemolla. Naqraw li wara l-istraġi tal-1551, kien ġie skarpan minn Sirakuża, fl-1578, jismu Bastjan Carnemolla. Barra xi qorq dan aktarx kien imidd idejh ukoll għal xi xedd tal-bhejjem għax Għawdex kien nieqes minn kollox.

Intant, jistennew il-ħobż kien ikun hemm in-nies li kienu taw rkaptu u mxew sal-Wied tal-Gallina. Billi l-knisja kont tista' tilħaqha mill-Għasri kif ukoll miż-Żebbuġ mill-intrajjet li kienu jinżlu lejn it-triq ta' Wied il-Għasri bħal taċ-Ċaqra, ta' Għajn Qaċċat, is-Sagħtrija u tal-Kanun, barra l-Għasrin aktarx kien ikun hemm ukoll iż-Żebbuġin.

Il-knisja ta' Manueli kienet tista' tintlaħaq ukoll min-naħa tal-Għarb kemm minn ta' Sdieri u kemm minn wara ta' Ġurdan. Ngħidu aħna fl-1621, il-viżitatur mis-Salvatur ta' Wied il-Mielaħ, 'l isfel fit-Triq ta' Fenek wara ta' Ġurdan għadda għall-Vitorja ta' Manueli. Minn hemm tala' minn mat-triq ta' Wied il-Għasri għal Santa Marija tal-Għasri, li kien hemm flok tal-Patroċinju u minn hemm qabad Triq il-Kanun għaż-Żebbuġ. Għalhekk xi Għarbin seta' kien ikun hemm ukoll.

Dan għax il-fqir kien iħir biex idabbar xi ħaġa biex jingħad. U n-nies ta' dari ma kenitx tibża' timxi biex tmur festa. Jien ilħaqt nies mix-Xagħra li nhar il-festa taż-Żebbuġ kienu jerħula bil-mixi. Ommi meta kont tfal kienet teħodni San Ġwann tax-Xewkija bil-mixi. Ma tgħidx konna ninżlu minn xi triq tajba għax konna ninżlu mill-intrata ta' Għajn Lukin għall-Wied ta' San Anard u minn hemm nerħulha għax-Xewkija, nintelqu fuq siġġu nisimgħu l-prietka qabel toħroġ il-purċissjoni.

FINIS